# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 22 ta' Marzu 2018**

Rikors Guramentat Nru.  138 / 17RGM

Kawza fil-lista:  21

**Y F**
**vs**
**X R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat mill-liema relazzjoni twieldet tifla 1i nghatat l-isem ta' P R nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006).

2. Illi l-partijiet attendew ghal medjazzjoni fejn id-divergerzi ta' bejniethom gew indirizzati quddiem il-Medjatrici Erica Cutugno liema medjazzjoni nghalqet stante illi l-partijiet rna waslux ghal kompromess dwar kif ghandu jigi regolat l-access tal-minuri.

3. Illi b'digriet ta' nhar it-tlettax (13) ta' April 2017 numru 432/16 l-esponenti giet moghtija l-possibilta li tipprocedi bic-citazzjoni.

4. Illi r-rikorrenti trid illi timmodifika l-access tal-minuri mal-missier liema access huwa regolat b'digriet tal-wiehecl u tlettin (31) ta' Ottubru tas-sena 2016 u

dan minhabba l-fatt illi l-omm thoss illi m'ghandhiex bizzejjed hin ghal mal-minuri.

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi permezz ta' kawza fejn jigu ndirizzati id-divergenzi illi hemm bhalissa bejn il-partijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Timmodifika l-access tal-minuri minn kull nhar ta' Tlieta u Erbgha ghal kull nhar ta' Tnejn u Erbgha bejn l-4.00pm u s-7.00pm;

2. Tordna illi l-isleep overs jinzammu dejjem mill-gimgha ghas-Sibt mis-6.00pm sas-6.00pm;

3. Tordna illi fil-kaz ta' festi pubblici il-minuri ghandha tittiehed mill-missier lejlet il-festa mit-3.00pm u tirritorna lura ghand ommha fit-3.00pm tal-ghada sabiex b'hekk il-partijiet ikollhom nofs gurnata mill-istess minuri fil-festi pubblici;

4. Tordna lil minuri sabiex tqatta 3 sieghat mal-missier f'gheluq snienha u cioe` mit-3.00pm sas-6.00pm sabiex l-omm ikollha hin maghha ukoll;

5. Tordna illi l-minuri tqatta jum il-missier bejn l-10.00am u l-5.00pm mal-istess missier.

6. Tordna illi lekk f'jum l-omm il-minuri ikun imissa access mal-missier, din tqatta gurnata mal-omm u l-missier jinghata gurnata alternattiva ghal access;

7. Tordna illi matul il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-minuri ghandha b'mod alternattiv tqatta l-granet billi tittiehed mill-missier mit-3.00pm lejlet il-festa u tirritorna ghand l-omm fit-3.00pm tal-ghada;

8. Tordna illi l-minuri ma tkun qatt esposta ghal kumpanija ta’ terzi ghajr ghan-nanniet u zijiet materni u paterni;

9. Tordna illi meta l-festi pubblici jirrizultaw fil-gurnata tal-Hadd wara sleepover, il-missier jinghata gurnata alternattiva;

10. Tordna illi l-manteniment ta' mitejn (€200) ewro fix-xahar jigi depozitat gewwa kont bankarju tar-Rikorrenti u cioe numru 5887000019188736.

11. Tordna illi l-intimat jivversa nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri wara illi jigi pprezentat b'kopja tal-ircevuti rispettivament;

12. Tordna illi dawn il-modifikazzjonijiet jigu mnizzla f'kuntratt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament qieghda tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat u dan peress illi l-att gie prerzentat oltre l-perjodu statutorju ta' xahrejn.

2. Illi bla pregudizziu u fil-mertu, l-esponenti jirreleva illi l-modalita' ta' access kif qieghed jigi ezercitat bhalissa huwa regolat permezz ta' digriet tal-14 ta' Dicembru tas-sena 2016, u mhux permezz ta' digriet tal-31 ta' Ottubru 2016 kif erronjament premess fir-rikors promotur.

3. Illi di piu' l-esponenti ma jaqbilx illi l-access ta' kull nhar ta' Tlieta u Erbgha bejn l-4:00p.m. u s-7:00p.m. ghandu jigi modifikat stante illi tali access ilu xhur twal jigi ezercitat b'dan il-mod tant illi anki l-minuri drat il-granet li fihom ikun imissha tmur ghall-access mal-esponenti.

4. Illi in kwantu ghat-tieni talba din ghandha tigi michuda stante illi ma jkunx gust illi l-esponenti qatt ma jkun jista' jgawdi l-gurnata tal-Hadd ma' bintu. Oltre dan, jinghad ukoll illi meta huwa jkun imissu sleepover mill-Gimgha ghas-Sibt huwa bilkemm ikollu cans igawdiha lill-minuri u dan ghaliex il-minuri tattendi d-drama u l-futbol kull nhar ta' Sibt.

5. Illi rigward it-tielet talba din ukoll ghandha tigi michuda peress illi b'hekk l-esponenti qatt ma jkun jista' jiehu lil bintu ghal gurnata shiha peress illli fit-3:00p.m. huwa jkun irid jirritorna lit-tifla lura ghand l-intimata. Il-hinijiet tal-access; fil-festi pubblici kif qieghed jigi ezercitat bhalissa huwa tajjeb u ma ghandux jinbidel.

6. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda wkoll stante illi l-minuri taghlaq sninha fit-2 ta' Lulju, u cioe' f'jum illi fih hija ma jkollhiex skola. Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn l-intimata ghandha ccahhad lill-esponenti milli jgawdi lil bintu f'dan il-jum ghal erba'sighat minflok tlieta! Illi din it-talba mhix gustifikata u hija frott ta' pika. Mhux hi biss tixtieq illi tgawdi lil bintha f'dan il-jum.

7. Illi l-hames talba wkoll ghandha tigi michuda ghaliex prezentement u skont id-digriet tal-14 ta' Dicembru 2016, l-esponenti inghata access f'Jum il-Missier mill-l-10:00 a.m. sas-6:00 p.m., u dan ma ghandux ghalfejn jigi mnaqqas b’siegha.

8. Illi s-sitt talba ghandha tintlaqa'.

9. Illi a rigward is-seba' talba din ghandha tigi michuda ghaliex ma hemmx raguni ghalfejn jigi varjat id-digriet tal-14 ta' Dicembru 2016 u cioe' mis-6:00 p.m. ta' lejlet il-Milied jew lejlet l-Ewwel tas-Sena sa jum il-festa.

10. Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda stante illi ma jistax ikun illi l-esponenti ma jiltaqax ma' hbieb tieghu illi wkoll ghandhom it-tfal fil-hin illi huwa jkollu l-access mal-minuri, b'dan illi l-minuri ma ghandhiex tigi mcahhda milli tkun fil-kumpanija ta' tfal ohra bhalha u l-genituri taghhom.

11. Illi d-disa' talba ghandha tigi michuda stante illi fl-eventwalita' li tintlaqa', l-access regolari jista' jigi mfixkel u tkun difficli ghall-esponenti illi jinghata gurnata alternattiva.

12. Illi a rigward l-ghaxar u l-hdax -il talba, tali manteniment ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni huwa regolat permezz ta' digriet tal-21 ta' Settembru 2016. L-esponenti ma jsib l-ebda diffikulta' illi tali manteniment jigi depozitat f'kont bankarju intestat f isem l-intimata, kieku talbitu hekk qabel, huwa ma kien isib l-ebda oggezzjoni.

13. Illi in kwantu ghat-tnax-il talba, din il-Qorti ma tistax tordna illi tali modifikazzjonijiet jigu mnizzla f'kuntratt, stante illi l-partijiet diga' inghataw l-opportunita' illi jaghmlu dan matul il-process tal-medjazzjoni, u ghalhekk din r-Onorabbri Qorti tista' biss taghti sentenza fuq it-talbiet attrici u r-risposti ta’ l-esponenti, liema sentenza necessarjament taghmel stat fil-konfront taz-zewg partijiet.

14. Illi l-attrici mhix interessata fir-relazzjoni bejn bintha u l-esponenti, anzi qeghda taghmel minn kollox sabiex ixxekkilha. Is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fl-14 ta' Dicembru 2012 (Rik Gur 264/11AL). Jirrizulta illi l-kawza giet intavolata mill-konvenut peress illi l-attrici ma intavolatx nota ta' accettazzjoni zmien 60 jum min-notifika ta' ittra ufficjali u ergo l-ispejjez gew akkollati kollha lilha. Dan fisser illi l-esponenti ghamel zmien twil ma jkollu access ghal bintu.

15. Illi di piu' l-attrici sa akkuzat lill-esponenti bil-korruzzjoni ta' binthom. Huwa gie liberat mill-akkuza kif jirrizulta minn sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs X R moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatuira Kriminali fil-11 ta' Marzu 2016.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet "X R vs Y Fet" fejn l-attur gie dikjarat il-missier naturali tal-minuri P F;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Marzu 2016 fil-kawza fl-ismijiet " Il-Pulizija vs X R" fejn il-konvenut gie liberat minn akkuzi li kkorrompa lill-minuri P R F;

Rat in-nota tal-attrici tas-6 ta' Novembru 2017, fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, iddikjarat li saret talba ohra biex tinfetah medjazzjoni dwar il-bzonn ta' tibdil fl-access u dwar il-hlasijiet ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2018 fejn l-avukat tal-attrici ddikjarat illi l-medjazzjoni kienet ghadha ghaddejja quddiem il-medjatrici tal-familja Erica Cutugno u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-konvenut.

Semghat lill-avukati tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni impressqa mill-konvenut X R.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut;

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti ghall-Eccezzjoni Preliminari**

Il-konvenut, X R, b'ittra tas-17 ta' Marzu 2016 talab lir-Registratur tal-Qorti tal-Familja jahtar medjatur sabiex jigu indirizzati kwistjonijiet varji mal-attrici, Y F, dwar il-minuri, P R F.

Il-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'kawza, fit-termini mposti mill-ligi b'digriet tat-13 ta' April 2017.

Fis-16 ta' Gunju 2017 l-attrici istitwit il-kawza odjerna billi pprezentat rikors guramentat u talbet diversi modifiki dwar l-access tal-missier ghall-minuri.

Fil-mori tal-kawza odjerna l-attrici ipprezentat ittra sabiex jinfethu proceduri ta' medjazzjoni godda.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skont **Regolament numru 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.20**[1] kull persuna, sia jekk tkun mizzewga kif ukoll jekk ma tkunx, li tixtieq tipprocedi quddiem il-Qorti dwar kwistjonijiet ta' kustodja, manteniment jew access ghall-ulied jew varjazzjoni tal-istess, ghandha fl-ewwel lok tipprezenta ittra fir-Registru tal-Qorti sabiex jigi mahtur medjatur u jekk il-partijiet ma jiftehmux il-medjatur tavza b'dan lill-Qorti li min-naha taghha tawtorizza lill-partijiet jipprocedu b'kawza fi zmien xahrejn jew f'terminu itwal li l-Qorti tista' tikkoncedi ghar-ragunijiet gravi.

Fit-trattazzjoni orali l-avukat tal-konvenut issottometta illi r-rikors guramentat kellu jigi pprezntat fi zmien xaharejn mit-13 ta' April 2017 cioe' sat-13 ta' Gunju 2017 mentri gie pprezentat fis-16 ta' Gunju 2017. Sostna illi l-kwistjoni hi ta' ordni pubbliku u ma tistax tigi sanata; seta' jsir rikors ghall-estensjoni tat-terminu qabel skada t-termini izda dan ma sarx.

Mill-banda l-ohra l-avukat tal-attrici ssostni li s-sitwazzjoni hi sanabbli u li kien ghalhekk li fil-mori tal-kawza odjerna regghet ipprezentat ittra ghall-medjazzjoni ohra.

Ikkunsidrat;

**L-ECCEZZJONI PRELIMINARI**.

L-eccezzjoni mertu ta' din id-decizzjoni taqra' kif gej:-

"**1. Illi preliminarjament qieghda tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat u dan peress li l-att gie prezentat oltre l-perjodu statutorju ta' xahrejn.**"

Ghalkemm il-konvenut ma iccita l-ebda provvediment legali in sostenn tal-eccezzjoni preliminari tieghu il-Qorti qed tifhem illi tali eccezzjoni giet intavolata b'referenza ghall-**Artikolu 789 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:-

(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

[1] Avviz Legali 397 ta' l-2003

(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

**Regolament numru 10 tal-Ligi Sussidjarja 12.20** jipprovdi illi

*(1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi.*

Skont ir-regolament imsemmi it-terminu ta' xahrejn jista' jigi estiz jekk jirrizultaw ragunijiet gravi. Naturalment tali talba ghall-estensjoni jehtieg li ssir qabel ma t-terminu ta' xahrejn jiskadi.

Fil-kawza odjerna ir-rikors guramentat gie intavolat wara li skadew ix-xahrejn mid-digriet li awtorizza lill-partijiet jipprocedu b'kawza fit-termini mposti mill-ligi. Una volta fid-digriet ma giex specifikat zmien, japplika t-terminu stipulat mill-ligi, dak ta' xahrejn.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015 fl-ismijiet "**Vassallo Concrete Services Limited vs Direttur Generali (Kuntratti) et."** fejn gie dikjarat illi:-

".....huwa pacifiku li biex azzjoni gudizzjarja tkun valida tehtieg li din tissodisfa r-rekwiziti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta' konformita` ma' dawn ir-rekwiziti jgib in-nullita` tal-istess att. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Sammut v. Pellegrini Petit**, deciza fis-16 ta' Novembru 1920: ".. quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e` termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile." It-termini procedurali huma termini li jolqtu z-zmien li fih att gudizzjarju ghandu jigi pprezentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jigix ipprezentat fi zmien preskritt. In-nuqqas ta' osservanza ta' terminu bhal dan huwa sollevabli *ex officio* peress illi r-regoli li jirregolaw il-

kondotta tal-proceduri quddiem il-qrati huma ta' ordni pubbliku, u ma jistax jigi permess il-kuntrarju ta' dak stabbilit, anke jekk hemm qbil bejn il-partijiet."

Fir-rigward ta' kawzi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) t-termini imposti mil-ligi ghall-prezentata tal-kawza jiehdu rilevanza magguri in kwantu, b'eccezzjoni ghar-regola generali, huwa moghti d-dritt lill-partijiet illi jitolbu l-hrug ta' mandati kawtelatorji kontra xulxin pendenti l-proceduri ta' medjazzjoni b'dan illi mal-hrug ta' mandat kawtelatorju ma jiskattax it-terminu sabiex tigi intavolata l-kawza bil-konsegwenza illi sakemm iddum ghaddejja l-procedura ta' medjazzjoni il-mandat kawtelatorju jibqa' fis-sehh minghajr il-htiega li tigi intavolata kawza.

Huwa minnu li tali terminu ta' xahrejn setgha jigi mtawwal mill-Qorti izda biss jekk issir talba qabel jiskadi u jekk jigi sodisfatt dak provdut bir-Regolament numru 10 tal-L.S. 12.20. Talba ghall-estensjoni tat-terminu ma kenitx saret bil-konsegwenza li l-kawza giet intavolata fuori termine u ghalhekk irrita u nulla.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata:-

"Fl-ewwel lok, il-gurisprudenza hi fis-sens li t-termini jehtieg li jigu osservati taht piena ta' rritwalita` u nullita` - ara, per ezempju, id-decizjoni li tat din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 1997, fil-kawza **Caruana v. Psaila.** Fit-tieni lok, l-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili iqies null kull att nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi, u att fuori termine huwa nieqes minn dik il-partikolarita` li trid il-ligi."

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut billi tilqaghha, tiddikjara li r-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici gie pprezentat fuori termine u konsegwentement tiddikjara l-istess rikors guramentat bhala irritu u null.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**